# Ħajjet Mons. Mikiel Gonzi

## Arċisqof Metropolita ta' Malta

*It-Tieni Parti*



**Wayne Bonello**

Żgħażugħ ta' 17-il sena minn San Ġiljan, li qed ikompli l-istudji tiegħu ġewwa l-*Junior College* fl-Imsida. Dilettant tal-festi, membru tas-Soċjetà Mużikali Spinola A.D. 1987 ta' San Ġiljan u l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi ta' San Ġiljan ukoll.

Meta Dun Carmelo Xuereb qal b' dan il-ħsieb lill-Isqof Gonzi, għall-ewwel ma qabilx peress li kien tal-ħsieb li l-knisja l-ġdida tinbena fuq l-istess post tal-knisja l-antika, iżda wara li raha personalment dawn l-imħażen, qabel u ta bidu għat-trattativi mal-Kumpanija Malta & Mediterranean Gas Co. Ltd. (sidien tal-art) biex tiġi akkwestata l-art. Fid-19 ta' Marzu 1944, Festa ta' San Ġużepp, il-Provinċjal tal-Kappuċċini f'Malta mexxa t-Translazzjoni bis-Santissimu Sagrament mill-Kappella ta' Ġesù Salvatur sal-Knisja proviżorja fix-Xatt tal-Kalkara fejn Mons. Gonzi ħa sehem fil-Funzjoni fejn intona t-Te Deum f'xita qalila b'danakollu b'attendenza Kalkariża numeruża. L-Isqof Gonzi kien dejjem lest jagħti l-appoġġ sħiħ tiegħu biex titwettaq il-ħolma tal-Kalkariżi, ix-xogħol tal-bini tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida ta' San Ġużepp. Meta nxtrat l-art mingħand il-kumpanija tal-gass, il-Knisja tal-Kalkara ma kellix il-flus meħtieġa għal dan u għalhekk, Mons. Gonzi wera l-imħabba tiegħu lejn dan ir-raħal żgħir billi rregala porzjoni t'art li kienet tiswa £2000 li jidher fil-kuntratt. F'dan l-istess kuntratt, Mons. Gonzi impona piż fuq il-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara ta' quddiesa anniversarja solenni bil-ministri b'sufraġju ta' ruħ il-ġenituri tiegħu nhar il-ġurnata tal-mewt ta' missieru u meta jmut Mons. Gonzi, isir l-istess b'suffraġju tiegħu nhar il-ġurnata tal-mewt tiegħu. Meta tlestiet il-pjanta mill-Kav. Vincenzo Bonello, nhar il-Ħadd 13 t' Ottubru 1946, Mons. Arċisqof Metropolita ta' Malta, Mikiel Gonzi, bħala promotur ta' dan il-proġett, solennement mexxa ċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja fil-preżenza tal-Kappillan tal-Kalkara, Dun Carmelo Xuereb, Prim Imħallef Sir George Borg u Dr. Louis Galea, l-Avukat Ġenerali tal-Kuruna, fost din-jitarji oħrajn. F'din iċ-ċelebrazzjoni ħadet sehem is-Soċjetà Filarmonika San Ġorġ ta' Bormla. Wara li bierek il-pedamenti, l-Arċisqof qiegħed ġewwa l-ġebla tubu tal-metall li kien fih kopja tad-digriet iffirmat minnu stess għall-bini tal-Knisja, midalja bi xbieha ta' San Ġużepp (Patrun tal-Kalkara) fuq naħa u San Mikiel (Patrun tal-Arċisqof Gonzi) fuq naħa oħra, u muniti li nħarġu mir-Re Ġorġ VI. Il-Parrini kienu s-Sur Ġuzé D'Amato, li mexxa x-xogħol tal-bini tal-Knisja, u s-Sur Toussaint De Maria, parrinu tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali l-qadima. Din l-okkażjoni tibqa' mfakkra għal dejjem permezz ta' lapida tal-irħam li hemm fil-Knisja. Din kienet ċeremonja mimlija tifkiriet għal Mons. Gonzi.



**Ottubru 1946:** *Il-Kalkariżi jiġbdu l-karozza li kien fuqha Mons. Gonzi fil-jum tat-tberik tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokjali preżenti.*

L-Arċisqof Gonzi baqa' jsegwi personalment il-bini tal-Knisja u l-Kalkariżi baqgħu jużaw iż-żewġ imħażen bħala Kappella proviżorja waqt il-bini. L-ispejjeż tħallsu mill-flus li ngħataw mill-*War Damage Commission* u mill-ġenerożità tal-parruċċani tal-Kalkara. Il-Kappillan Xuereb ukoll ħadem kemm felaħ biex il-Knisja titlesta mill-aktar fis. Nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru 1952, jum it-tberik tal-Knisja, kmieni filgħodu, wasal Mons. Gonzi fil-Knisja temporanja tal-Kalkara fejn ġie milqugħ mill-Kappillan tal-Kalkara Dun Carmelo Xuereb fost saċerdoti u monsinjuri oħrajn. Minn hemmhekk ħarġet Purċissjoni għall-Knisja l-ġdida fejn l-Arċisqof bierek il-Knisja minn barra u minn ġewwa. Wara qaddes quddiesa solenni u l-Isqof Emmanuele Galea niseġ il-Paniġierku. Fost l-kappelli li hemm fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida ta' San Ġużepp tal-Kalkara hemm il-kappella ta' San Mikiel, li nbniet minn Mons. Gonzi stess. Il-Kalkariżi kienu jħarsu lejn Dun Mikiel Gonzi bl-ikbar imħabba u ammirazzjoni. Għalihom kien bniedem intelliġenti, studjuż, attiv, ta' sagrifiċċju u ġabra. Dejjem kienu jħarsu lejh bħala qassis li għad jilħaq fl-ogħla karigi ekkleżjastiċi. In-nies tal-Kalkara riedet ukoll issemmi l-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali l-ġdida għalih, Misraħ l-Arċisqof Gonzi.

### Edukatur

Wara li Mons. Gonzi temm l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta fl-1910, mar jistudja Ruma għal-lawrja fid-Dritt Kanoniku u fl-Iskrittura fl-1910 fl-Università Gregorjana. Kien jattendi ukoll għal-lezzjonijiet tal-Iskrittura Mqaddsa u l-ilsien Ebrajk fil-*Pontificio Istituto Biblico*. Fl-1912, Dun Mikiel Gonzi rritorna lura Malta wara li temm l-istudji tiegħu f' Ruma. Ftit jiem wara li wasal Malta, Gonzi mar għand l-Isqof Pietro Pace biex jgħarrfu bir-riżultati li kiseb fl-istudju tiegħu f' Ruma. L-Isqof Pace appuntah Professur tal-Iskrittura fis-Seminarju u ma kellu jaċċetta ebda attività oħra. Il-Professur Dun Mikiel Gonzi kien imur tliet darbiet fil-ġimgħa jgħallem

l-Iskrittura fis-Seminarju. Fost l-istudenti ta' Gonzi kien hemm il-Kjeriku Emmanuele Galea, iktar tard nominat Vigarju ġenerali tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Sena wara l-istedina tar-Rettur tal-Università biex Prof. Gonzi jagħti xi *lectures* tal-Iskrittura fl-Università fuq bażi volontarja, liema stedina ma ġietx aċċettata, il-Professur Magro reġa' avviċinah u din id-darba, il-Prof. Dun Mikiel Gonzi aċċetta. Bħala inawgurazzjoni ta' din il-ħidma ġdida fil-karriera tiegħu, Gonzi kien ta konferenza fl-*Aula Magna* tal-Università li attendiet folla kbira għaliha. Dun Mikiel Gonzi kien laħaq Professur tal-Iskrittura u l-Lingwa Ebrajka fl-Università ta' Malta fl-1915. Huwa kien l-ewwel Professur li okkupa dik il-kattedra ġdida b'salarju ta' £140 fis-sena. Baqa' jgħallem regolarment fl-Università sakemm ġie nominat Isqof t'Għawdex fl-1924. Meta fl-1909 is-Seminarju mill-Furjana kien mar l-Imdina, Dun Mikiel xorta baqa' jgħallem is-Seminarju u l-Università għalkemm kien ikollu jivvjaġġa mill-Belt għall-Imdina. Meta miet il-Professur Mons. Emmanuele Vassallo, il-Prof. Gonzi, max-xogħol li kellu, beda jgħallem ukoll id-Dritt Kanoniku.

Dun Mikiel Gonzi kellu karigi oħra important fil-qasam tal-edukazzjoni. Kull nhar ta' Sibt filgħodu, kien jgħallem fit-*Training School* tal-għalliema u l-matematika lil dawk l-istudenti li kienu ser jagħmlu l-ezami tal-matrikola fis-*St. Paul's School*. Fl-istess skola, fl-1918 Gonzi laħaq Direttur għal sitt snin. Dun Mikiel kien Direttur Spiritwali fl-Iskola tal-Gvern ta' Bormla u membru tal-*Unione Leoniana* li President tagħha kien l-Isqof ta' Malta, Mons. Caruana.

## Kappillan Militari

Wara li l-Isqof Caruana ma laqax it-talba ta' Dun Mikiel Gonzi li jmur Kappillan Militari fi Franza, l-istess Isqof issuġġerixxa lil Dun Mikiel biex imur ikellem lil Mons. Francesco Ferris, li kien laħaq Kappillan Militari Anzjan. Hu kien qed jittama li jiġi stazzjonat il-Kottonera biex ikun qrib id-dar fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija iżda l-unika vakanza f'dak il-mument kienet li jkun Kappillan Militari fl-Isptar tal-Imtarfa u aċċetta. Dan kien ifisser sagrifiċċju akbar. Dun Mikiel kien kera dar żgħira l-Imdina biex ikun qrib l-Isptar tal-Imtarfa u s-Seminarju, fejn kien temporanjament jgħallem. Kemm dam iservi ta' Kappillan Militari, kien jilbes ukoll l-uniformi militari.

Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, l-Isqof Caruana għażel lil Dun Mikiel Gonzi bħala Kanċillier tal-Viżta Pastorali u għalhekk, kellu jħalli l-irwol ta' Kappillan Militari. Fl-istess sena, 1919, l-Isqof ħatru ukoll *Difensor Vinculi* biex seta' jieħu sehem fil-kawżi tażżwiġijiet. Dik il-ħabta, Mons. Caruana ried jieħu ftit mistrieħ u ħa lil Dun Mikiel Gonzi miegħu l-Iskozja għal safra. Għażlu żmien il-vaganzi biex Dun Mikiel ma jinterrompix il-ħidma tiegħu fis-Seminarju u l-Università. Iffissaw il-ġurnata u telqu bil-vapur sa Katanja. Huma waslu Lejlet il-Festa ta' *Corpus Domini* u Dom. Maurus Caruana mar jagħmel viżta lill-Arċisqof ta' Katanja li żammhom joqgħodu fil-Palazz tiegħu. L-għada, Mons. Caruana akkumpanja wara l-baldakkin, flimkien ma' Dun Mikiel, fil-Purċissjoni Solenni ta' *Corpus Domini*.

Minn hemm baqgħu tielgħin Ruma fejn marru għand il-Papa Benedittu XV fejn din inzertat bħala l-ewwel inkontru minn serje ta' udjenzi li kellu l-Prof. Dun Mikiel Gonzi ma' suċċessuri oħra tal-istess Papa. Waqt dik l-udjenza, l-Qdusija Tiegħu staqsieh x'kienet il-ħidma tiegħu u rrispondieh li kien Professur tal-Iskrittura. Imbagħad il-Papa wieġeb li kieku kien jaf qabel, kien jagħmel lilu Professur tal-Iskrittura fil-Vatikan minħabba li ma nstabx wieħed addattat iżda Dom. Maurus talab il-Papa biex iħallih fl-Arċidjoċesi ta' Malta minħabba li kien bżonnjuż għal Malta. U ssuktaw il-vjaġġ lejn l-Iskozja fejn Mons. Caruana qagħad iż-żmien kollu tas-safra fil-monasteru ta' Fort Augustus.

## Senatur

Darba waħda, f' jum il-Ħadd, marru jkellmu lill-Prof. Dun Mikiel Gonzi



*L-Arċisqof Caruana u l-Kardinal Bourne mal-Kumitat tal-"Partito del Lavoro" (Mons. Gonzi bħala jidher it-tieni wieħed mix-xellug).*

f'daru, il-Kalkara, tlieta li kellhom sehem kbir bit-twaqqif tal-Partit tal-Ħaddiema (*Partito del Lavoro*) li ssuġġerewlu li joħroġ għall-politika fi ħdan il-Partit. Dun Mikiel bagħthom lura d-dar b'risposta negattiva peress li kellu wisq x'jagħmel f'ħajtu. Iżda dawn it-tlieta rritornaw il-Ħadd ta' wara u meta qalulu li daħal is-Sur Alfonso Maria Galea, hu qalilhom li jaħsibha. Sadattant, Gonzi mar ikellem lill-Isqof fuq din il-proposta u l-Isqof obbligah li jaċċetta. Meta rritornaw it-tliet uffiċjali tal-Partit tal-Ħaddiema l-Ħadd ta' wara, Gonzi qalilhom li jaċċetta sabiex iżomm il-ħaddiema fidili u leali lejn il-Knisja.

Il-Prof. Dun Mikiel Gonzi ġie elett fl-elezzjoni tal-1921 fis-Senat mit-Tieni Distrett f'isem il-*Partito del Lavoro*, u, l-Inawgurazzjoni tal-Ewwel Parlament Malti taħt Kolonnja Ingliża saret fl-1 ta' Novembru 1921 fejn fetħu l-Prinċep ta' Wales u attenda l-istess Gonzi. Fl-10 ta' Frar 1922, Festa Nazzjonali tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl, il-Parlament Malti ġie kkonsagrat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù mill-Isqof ta' Malta, Dom. Maurus Caruana fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann il-Belt. Kemm dam Senatur, insibu li s-Senatur Gonzi ħa sehem attiv fid-diskussjonijiet li kienu jsiru fis-Senat. Kien ħa interess speċjali biex twassal id-dawl elettriku u nbnew toroq ġodda fil-Kalkara. Is-seduti ġieli kienu jispiċċaw tard filgħaxija u kien ikun għad baqgħalu jaqbad id-dgħajsa biex jasal id-dar il-Kalkara.

Meta waslu l-Elezzjonijiet Ġenerali tal-1924, kien ġie propost lil Mons. Gonzi biex iħalli s-Senat u joħroġ għall-Assemblea Leġislattiva iżda Mons. Gonzi ma kienx għadu deċiż

x'kien ser jagħmel. Biex bħal li kieku jipperswaduh joħroġ Kandidiat għall-Assemblea Leġislattiva, il-partitarji Laburisti organizzaw dimostrazzjoni bil-banda quddiem id-dar tiegħu fi Triq ir-Rnella, il-Kalkara. Imma sewwasew dakinhar, Mons. Gonzi rċieva n-nominazzjoni mingħand il-Papa biex isir Isqof t'Għawdex u ma setax joħroġ għall-elezzjoni. Imma din l-attività xorta saret fil-forma ta' manifestazzjoni ad unur l-Isqof elett t'Għawdex. Minħabba f'hekk, kellu jirreżenja minn Senatur. Għal Mons. Gonzi l-attività politika, prinċipalment bħala Senatur, damet biss tliet snin.

### Monsinjur

Fl-1923, Dun Mikiel Gonzi laħaq koadjatur tal-Kanonku Teologu tal-Kattidral, li dak iż-żmien kien Mons. Luigi Attard, wara konkors pubbliku li sar li kien jikkonsisti f'eżami fit-Teoloġija Dommatika u fl-Iskrittura. Il-Bolla Appostolika mill-Vatikan ta' dik il-promozzjoni ġġib id-data tal-4 ta' Marzu 1923 u l-Pusses biex isir Monsinjur sar it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa, 27 ta' Marzu 1923, fil-Kattidral tal-Imdina biex imbagħad seta' jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Irċieva n-nies wara nofsinhar fit-tliet ijiem tal-Għid fid-dar tiegħu f'39, Triq ir-Rnella, Kalkara. L-aħħar tliet snin qabel ma laħaq Isqof t' Għawdex għexhom fil-Palazz tal-Isqof fl-Imdina fuq insistenza tal-Isqof Dom. Maurus Caruana. Għalhekk, Mons. Gonzi kellu jħalli l-Parroċċa tal-Kalkara u kellu jibda' jqaddes (ġeneralment) fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt. Għamel żmien Segretarju tal-Kapitlu tal-Kattidral ukoll fi żmien li kien Monsinjur fid-Djoċesi ta' Malta.

Fil-5 ta' Ġunju 1924, fost il-korrispondenza li Mons. Gonzi s-soltu jirċievi, irċieva ittra mill-Kongregazzjoni Konċistorjali. Fiha kien hemm ittra mill-Papa bin-nominazzjoni ta' Mons. Gonzi biex isir Isqof t'Għawdex. Għalkemm għall-ewwel ma kienx ċert jaċċettax, fl-aħħar qatagħha li jaċċetta n-nomina. Kien ħassha bi tqila jħalli art twelidu u jemigra lejn il-gżira ġirien ta' Malta, Għawdex. Miegħu riedu jmorru ommu, Margherita, u missieru, Giuseppe, lejn Għawdex. Qabel ma telaq lejn Għawdex biex jibda' l-ħidma tiegħu ta' Ragħaj tal-Kattoliċi Għawdxin, il-Kalkariżi għamlulu dimostrazzjoni u offrewlu bħala rigal, salib pettorali bil-katina tad-deheb.



*Il-folla tal-Għawdxin quddiem il-Palazz tal-Isqof fir-Rabat Għawdex tagħti merħba u tifraħ lil Mons. Gonzi bħala Isqof t'Għawdex.*

### Isqof t'Għawdex

Wara li saret magħrufa l-ħatra ta' Mons. Gonzi bħala Isqof t'Għawdex, marru jifirħulu rappreżentanza tal-Kapitlu tal-Kattidral, uffiċjali tal-Kurja Arċiveskovili, Kappillani u ċittadini. Ftit ġranet wara ried imur Għawdex biex iħejji xi affarijiet qabel ma jmur joqgħod hemm. B' sorpriża għalih, il-vapur *Gleneagles*, li bih kien mar, kien imżejjen bil-bnadar u f'atmosfera ta' festa. Marru jilqgħuh tliet Kanonċi tal-Kattidral fix-Xatt tal-Imġarr u ġabulu l-karrozza gala tal-Isqof Camilleri (l-Isqof Preċedenti). Huwa żar il-Kattidral u ltaqa' mal-Kapitlu fl-Awla Kapitulari. Żar ukoll diversi knejjes u l-monasteri kollha. L-Għawdxin laqgħuha bl-akbar ferħ u b'approvazzjoni unanima n-nomina tal-Isqof Gonzi. Qabel il-jum tal-Konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof, Mons. Gonzi għamel ġimgħa rtir għand il-Patrijiet Kappuċċini tal-Kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara.

Il-Ħadd 20 ta' Lulju 1924, saret funzjoni solenni fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann il-Belt fejn Mons. Gonzi ġie kkonsagrat Isqof. L-Arċisqof ta' Malta Mons. Dom. Maurus Caruana mexxa diċ-ċeremonja *imponentissima*, u, kien assistit mill-eks-Isqof t' Għawdex Mons. Camilleri, l-Isqof Awżiljarju Mons. Portelli u l-Kapitlu tal-Kattidral. Kien hemm preżenti l-Kapitlu Kattidrali ta' Malta u t' Għawdex, tal-Kolleġġjati u Kappillani tad-Djoċesi t' Għawdex. Ġemgħa kbira mliet il-Kon-Kattidral fejn fosthom assistew il-ġenturi, diġà anzjani fl-età, tal-Isqof il-ġdid. Fi tmiem dak ir-rit imqaddes, l-Isqof Gonzi kellu laqgħa kbira, fost iċ-ċapċip u għajjat ta' ferħ, meta ħareġ mill-Kon-Kattidral. Wara, huwa baqa' sejjer Ruma fejn kellu udjenza privata mal-Papa Piju XI.

Mons. Gonzi għamel l-Ingress Solenni fil-Kattidral ta' Santa Marija Assunta fiċ-Ċittadella Għawdex nhar il-Ħadd 10 t' Awwissu 1924, Festa ta' San Lawrenz, sabiex ikun jista' jippontifika hu fil-Festa Titulari tal-Kattidral fil-15 t' Awwissu. Ir-Rabat Għawdex kien imżejjen bil-bnadar, skrizzjonijiet bil-Latin u t-Taljan, mimlijin tifħir u awguri 'l-Isqof il-ġdid, festuni u trofej. Għalkemm it-tradizzjoni tgħid li l-Isqof imur għand il-Kappuċċini lejlet l-Ingress, Mons. Gonzi ma raqadx hemm iżda fil-Palazz u niżel għandhom kmieni filgħodu dakinhar tal-Ingress. Minn hemm, beda korteo lejn il-Kattidral qalb folla kbira li attendiet u bis-sehem ta' diversi Kapitli, Kappillani, Kleru, Kommunitajiet Reliġjużi, Fratellanzi tar-Rabat u Seminaristi. Fost l-oħrajn, dawk li assistew għall-Quddiesa Pontifikali kien hemm l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Caruana u mdawwar mill-Kapitlu ta' Malta, il-Gvernatur Sir Walter Norris Congreve, Ministri u l-għola Awtoritajiet ċivili.

Wara l-Funzjoni, ingħata bidu għal korteo lejn il-Palazz Veskovili ad unur l-Isqof Gonzi, li kien fuq karrozza miġbuda minn nies, fejn attendiet folla enormi u ħadu sehem is-Soċjetà Filarmonika Leone tar-Rabat, ħruq ta' murtaletti u daqq tal-qniepen mill-Knejjes. Imbagħad sar pranzu ad unur l-Isqof fis-Seminarju. Il-festi komplew sa filgħaxija fejn fost l-oħrajn

saru tiġrijiet taż-żwiemel, marċ mis-Soċjetà Filarmonika La Stella tar-Rabat bil-premijiet tat-tiġrijiet, kunċerti miż-żewġ baned Rabtin fit-Tokk u ħruq ta' logħob tan-nar. Kienet tassew festa li għaqdet il-Maltin u Għawdxin għall-Isqof il-ġdid t' Għawdex, il-Prof. Mons. Mikiel Gonzi. Il-*motto* li għażel l-Isqof kien *Dominus Illuminatio Mea*.

## Il-Ġenituri tal-Isqof Gonzi miegħu f'Għawdex

Meta Mons. Gonzi mar joqgħod Għawdex, kienu marru joqgħodu miegħu fil-Palazz ommu u missieru. Huma kienu joqgħodu fil-pjan t' isfel filwaqt li Mons. Gonzi kien joqgħod fuq. Għalkemm kbir fl-età, Giuseppe Gonzi xorta baqa' indipendenti fejn fost l-oħrajn kien imur jisma' l-quddies u jitqarben, u meta ġiet l-elezzjoni, mar jivvota ukoll. Omm Mons. Gonzi kienet toqgħod tistennieh jirritorna lura u kienet tippretendi li jirtira kmieni allavolja kien Isqof! Filgħaxija ta' kuljum qabel ma jirtira, Mons. Gonzi kien imur jarahom. Il-ġenituri mietu t-tnejn f'età venerabbli. Margherita Gonzi mietet fis-16 ta' Jannar 1926 ta' 82 sena u Giuseppe Gonzi miet fit-28 t' Awwissu 1935 ta' 93 sena. It-tnejn li huma ndifnu fil-Kattidral t'Għawdex.

## Kungress Ewkaristiku f'Għawdex

Mons. Mikiel Gonzi kien diġà Isqof t' Għawdex meta l-Isqof ta' Malta, Mons. Caruana kien mar Ruma fuq xogħol uffiċjali tal-Kurja Maltija. Il-Kongregazzjoni Konċistorjali fl-1926 kienet qed tipproponi 'l Mons. Gonzi biex jintbagħat bħala Delegat Appostoliku fl-Albanija u Mons. Caruana għarrfu b'dan. Il-Papa Piju XI kien jara talent, enerġija u foresight f'Mons. Gonzi iżda lil Mons. Gonzi kienet togħġbu aktar il-ħajja pastorali milli dik diplomatika. Fil-fatt Gonzi m'aċċettax dik l-istedina. Mons. Gonzi kien benefattur kbir tas-Sorijiet Franġiskani tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù speċjalment fiż-żmien li serva bħala Isqof t'Għawdex peress li l-Casa Madre tagħhom qiegħda ħdejn il-Knisja li hemm fi Triq Palma, ir-Rabat Għawdex. Kien strumentali biex dawn is-Sorijiet waqqfu kunventi barra minn Malta bħal f' Ruma, Londra u Katanja.



***1929:** L-Arċisqof Caruana u l-Isqof Gonzi flimkien mal-Isqfijiet barranin li ħadu sehem fl-ewwel Kungress Ewkaristu f'Għawdex.*

Bil-ħsieb li jiġi mfakkar il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Adorazzjoni Perpetwa fid-Djoċesi t' Għawdex, fl-Ittra Pastorali tar-Randan 1929, Mons. Isqof Mikiel Gonzi ħabbar li f' Għawdex kellu jinżamm l-Ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Dan sar bejn il-Ħadd 9 ta' Ġunju 1929 u l-Ħadd ta' wara. Kienu ġew xi isqfijiet apposta għall-festi tal-Kungress. Il-funzjoni tal-ftuħ tal-Kungress saret fil-Kattidral. L-ewwel sar korteo mill-Kattidral għall-Palazz Veskovili u lura fejn inġabu l-Isqfijiet barranin filwaqt li nstemgħu d-daqq tal-qniepen tal-knejjes kollha tar-Rabat. Imbagħad saret il-funzjoni li kienu preżenti għaliha l-fidili, ir-rappreżentanti tat-tliet Kolleġġjati Għawdxin, tal-Kulleġġ tal-Kappillani u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kungress. Wara l-funzjoni, Mons. Gonzi kixef lapida ta' tifkira fil-Knisja ta' Savina b' ġieh il-Mons. Arċidjaknu Dr. Don Luigi Vella, Rettur tal-istess knisja u Fundatur tal-Adorazzjoni Perpetwa. Mument solenni tal-Kungress kienet it-tqarbina tat-tfal fl-14 ta' Ġunju 1929 minn Mons. Gonzi. F' jum ieħor tal-Kungress, kien sar Pellegrinaġġ tal-*Figlie di Maria* għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-Għarb fejn Mons. Gonzi kkonċelebra quddiesa.

Ċeremonja mhux tas-soltu u kommoventi kienet dik tat-Tberik tal-Port tal-Imġarr, nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju filgħaxija. Din kienet inizzjattiva tal-Arċiprieti, tal-Kappillani u tal-Poplu tan-Nadur, tax-Xewkija, t'Għajnsielem u tal-Qala. Diċ-ċeremonja ħadet il-forma ta' Purċissjoni *Aux Flambeaux* li ħarġet mill-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Loretu t' Għajnsielem għas-Santwarju tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imġarr fejn tmexxiet minn Mons. Gonzi li mexa taħt baldakkin bis-Sagrament qalb toroq mżejnin u mixgħulin. Ħadu sehem il-fratellanzi u l-kleru tal-irħula organizzaturi, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur, il-kant t'innijiet ewkaristiċi minn bniet liebsin l-abjad tas-Sorijiet Franġiskani, Dumnikani u tas-Soċjetà San Vinċenz de Paule. Fuq l-għolja ta' fejn hemm is-Santwarju, twaqqfet tribuna fejn minnha, Mons. Isqof Gonzi ta t-Trina Benedizzjoni bis-Santissimu Sagrament hu u jbierek il-Port tal-Imġarr filwaqt li d-dgħajjes imżejnin fil-Port bdew isaffru bħala nota ta' ferħ. Dan kien wieħed mill-mumenti l-aktar sbieħ u solenni tal-Kungress fejn Mons. Gonzi deher komoss. Il-Purċissjoni Ewkaristika li saret fir-Rabat Għawdex għalqet il-Kungress b'mod grandjuż fejn ħadu sehem il-Fratellanzi, Kleru sekulari u regolari, Seminaristi, il-Kulleġġ tal-Kappillani, Kolleġġjati, il-Kapitli Kattidrali ta' Malta u Għawdex, u l-Isqfijiet. Matul it-triq tkantaw innijiet ewkaristiċi filwaqt li Mons. Isqof Gonzi żamm is-Sagrament u ta xi Barkiet Sagramentali f'xi pjazzez. Il-Purċissjoni waqfet fejn kienet tħejjiet tribuna f'Corso Fortunato Mizzi u Mons. Gonzi qara l-Konsagrazzjoni tad-Djoċesi t' Għawdex lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Wara l-Barka Sagramentali, Mons. Isqof Gonzi ntona t-*Te Deum*. Fi tmiem il-Kungress, saret Dimostrazzjoni Popolari f' ġieħ Mons. Gonzi fejn ġie merfugħ fuq l-ispalla u twassal sal-Palazz Veskovili. L-Ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan kien wieħed mill-glorji tal-Episkopat ta' Mons. Mikiel Gonzi fid-Djoċesi t'Għawdex.

Id-Djoċesi t'Għawdex taf l-ewwel ġamar tal-Azzjoni Kattolika lill-Isqof Mikiel Gonzi fejn twaqqfet uffiċjalment minnu stess fid-29 ta' Novembru 1936. Kien hu stess li organizza l-ewwel ċirkoli tal-Azzjoni Kattolika qalb iż-żgħażagħ Għawdxin. Kemm dam Isqof t'Għawdex, bejn l-1924 u l-1943, Mons. Mikiel Gonzi għamel erba' Viżti Pastosli li saru fl-1925, 1930, 1935 u 1940. Dawn iż-żjarat tar-Ragħaj qalb il-poplu tiegħu jixhdu b'liema ħerqa u impenn Mons. Gonzi wettaq il-missjoni tiegħu bħala Isqof.

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss.*